# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

18 ta' Lulju 2007 *

Fil-kawża C-490/04,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, imressaq fid-29 ta' Novembru 2004,

**Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**, irrappreżentata minn E. Traversa, G. Braun, u H. Kreppel, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

**Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**, irrappreżentata minn W.-D. Plessing, M. Lumma u C. Schulze-Bahr, bħala aġenti, assistiti minn T. Lübbig, Rechtsanwalt,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

sostnuta minn:

**Ir-Repubblika Franċiża**, irrappreżentata minn G. de Bergues u O. Christmann, bħala aġenti,

parti intervenjenti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann, President ta' l-Awla, R. Schintgen, A. Tizzano (Relatur), M. Ilešič u E. Levits, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: D. Ruiz-Jarabo Colomer,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-8 ta' Novembru 2006,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta ta' l-14 ta' Diċembru 2006,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tistabbilixxi li meta stipulat leġiżlazzjoni li permezz tagħha:

— l-impriżi barranin għandhom l-obbligu li jikkontribwixxu lill-fond ta' vaganzi Ġermaniż anke jekk il-ħaddiema essenzjalment jibbenefikaw minn protezzjoni simili skond il-leġiżlazzjoni ta' l-Istat ta' l-istabbiliment ta' min iħaddimhom [Artikolu 1(3) tal-liġi fuq il-kollokament tal-ħaddiema (Arbeitnehmer-Entsendegestez), tas-26 ta' Frar 1996 (BGBl. 1996 I, p. 227, iktar 'il quddiem l-"AEntG")];

— l-impriżi barranin għandhom l-obbligu li jittraduċu bil-Ġermaniż il-kuntratt ta' xogħol jew id-dokumenti neċessarji skond id-dritt tal-pajjiż ta' oiġini tal-ħaddiem fil-kuntest tad-Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE ta' l-14 ta' Ottubru 1991 dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kundizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni ta' l-impjieg (ĠU L 288, p. 32), il-karti tas-salarji, id-dokumenti li juru l-ħinijiet tax-xogħol u l-ħlas tas-salarji kif ukoll kull dokument ieħor meħtieġ mill-awtoritajiet Ġermaniżi (Artikolu 2 ta' l-AEntG);

— l-impriżi barranin ta' xogħol temporanju għandhom l-obbligu li jiddikjaraw mhux biss kull prestazzjoni ta' ħaddiem favur impriża utenti fil-Ġermanja, iżda wkoll kull impjieg li jista'jiġi fdat lilu mill-impriża utenti fuq post ta' kostruzzjoni (Artikolu 3(2) ta' l-AEntG),

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond l-Artikolu 49 CE.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

It-Trattat KE

2 L-Artikolu 49 KE jipprovdi:

"Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt, ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà li jiġu provduti servizzi fil-Komunità għandhom jiġu projbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat tal-Komunità li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi.

[...]"

Id-Direttiva 96/71/KE

3 Skond l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1996, dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, p. 1), "tapplika għall-impriżi stabbiliti fi Stat Membru li, fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi transnazzjonali, jimpjegaw ħaddiema [...] fit-territorju ta' Stat Membru".

4 Skond l-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva, intitolat "It-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg":

"1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, tkun xi tkun il-liġi li tapplika għar-relazzjoni ta' impjieg, l-impriżi msemmija fl-Artikolu 1(1) jiggarantixxu lill-ħaddiema mibgħuta fit-territorju tagħhom it-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg li jkopru il-kwistjonijiet li ġejjin, fl-Istati Membri fejn ix-xogħol hu mwettaq, huma stabbiliti:

— skond liġi, regolament jew dispożizzjonijiet amministrattivi,

u/jew

— bi ftehim kollettiv jew sentenza ta' arbitraġġ li kienu ddikjarati universalment applikabbli fis-sens tal-paragrafu 8, sa fejn jikkonċernaw l-attivitajiet imsemmija fl-Anness:

[...]

b) it-tul minimu tal-vaganzi annwali mħallsa;

[...]

(d) il-kundizzjonijiet ta' prestazzjoni ta' ħaddiema, b'mod partikulari il-fornitura ta' ħaddiema minn impriżi ta' impjieg temporanju;

[...]

[...]"

5 L-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva, intitolat "Il-kooperazzjoni dwar l-informazzjoni", jipprovdi:

"1. Għall-iskopijiet ta' implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom, skond il-leġislazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali, jinnominaw uffiċċju wieħed jew aktar jew korp nazzjonali wieħed jew aktar li jagħmlu liaison.

2. L-Istati Membri għandhom jagħmlu dispożizzjoni għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi li, skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali, huma responsabbli għall-monituraġġ tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' impjieg imsemmija fl-Artikolu 3. Kooperazzjoni simili għandha b'mod partikulari tikkonsisti fi tweġiba għal talbiet

raġjonevoli minn dawk l-awtoritajiet għal informazzjoni dwar il-prestazzjoni transnazzjonali ta' ħaddiema, inklużi abbużi manifesti jew każijiet possibbli ta' attivitajiet transnazzjonali illegali.

[...]"

*Id-dritt nazzjonali*

6 Fid-data ta' iskadenza tat-terminu ta' żmien iffissat fl-opinjoni motivata nnotifikata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-kollokament tal-ħaddiema kien irregolat f'dan l-Istat Membru permezz ta' l-AEntG.

7 Skond l-Artikolu 1(1) ta' l-AEnTG, il-ftehim kollettivi tas-settur tal-bini li għandhom saħħa vinkolanti ġenerali u jirrigwardaw id-dewmien tal-vaganzi ta' mistrieħ, il-vaganzi mħallsa u l-għoti ta' *bonus* addizzjonali ta' vaganzi huma applikabbli għal min iħaddem li huwa stabbilit barra mill-pajjiż li jibgħat ħaddiema fil-Ġermanja.

8 L-Artikolu 1(3) ta' l-AEntG jipprovdi:

"Jekk ftehim kollettiv li għandu saħħa vinkolanti ġenerali jipprovdi l-ġbir ta' kontribuzzjonijiet jew il-provvista ta' servizzi minn organu komuni għas-sieħba soċjali fil-kuntest ta' l-għoti tad-drittijiet għal vaganzi msemmija fil-paragrafu 1, in-normi legali ta' dan il-ftehim għandhom ukoll natura vinkolanti għal min iħaddem li

huwa barrani u għall-impjegati tiegħu li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni territorjali ta' din il-Konvenzjoni, safejn din jew kull dispożizzjoni oħra jiggarantixxu li:

1. min iħaddem li huwa barrani m'għandux obbligu li jħallas kontribuzzjonijiet kemm skond din il-liġi kif ukoll lil organu simili fl-Istat fejn l-impriża tiegħu hija rreġistrata, u

2. li l-proċedura ta' l-organu komuni għas-sieħba soċjali tipprovdi l-kunsiderazzjoni ta' servizzi diġà magħmula minn min iħaddem sabiex jissodisfa d-drittjiet għal vaganzi legali, fuq bażi ta' ftehim jew fuq bażi kuntrattwali ta' l-impjegati tiegħu.

[...]"

9 L-Artikolu 2(3) ta' l-AEntG jipprovdi:

"Kull persuna li tħaddem li hija stabbilita barra mill-pajjiż għandha l-obbligu li fil-Ġermanja tikkonserva d-dokumenti meħtieġa għall-kontroll fir-rispett ta' l-obbligi legali li jirriżultaw mit-tieni frażi ta' l-Artikolu 1(1), mit-tieni frażi ta' l-Artikolu 1(2a) u mill-ħames frażi ta' l-Artikolu 1(3a) fil-lingwa Ġermaniża, matul it-tul ta' żmien kollu tax-xogħol effettiv tal-ħaddiem fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-liġi u għall-anqas matul id-dewmien tal-kostruzzjoni kompluta, mingħajr madankollu ma jaqbeż sentejn, b'mod li tkun tista' tippreżenta dawn id-dokumenti fuq il-post ta' kostruzzjoni fuq talba ta' l-awtoritajiet ta' kontroll."

10 Fl-aħħar nett, l-Artikolu 3(2) ta' l-AEntG jipprovdi kif ġej:

"Impriża ta' xogħol temporanju stabbilita barra mill-pajjiż, li tipprovdi ħaddiem wieħed jew bosta ħaddiema għad-dispożizzjoni ta' impriża utenti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-liġi għandha [...] tikkomunika bil-miktub lill-awtoritajiet doganali kompetenti, qabel il-bidu ta' kull xogħol ta' kostruzzjoni, dikjarazzjoni fil-lingwa Ġermaniża li tinkludi l-indikazzjonijiet segwenti:

1. il-kunjom, l-isem, id-data ta' twelid tal-ħaddiema pprovduti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-liġi,

2. bidu u tmiem tal-prestazzjoni tal-ħaddiema,

3. post tax-xogħol (ta' kostruzzjoni),

[...]"

## Il-proċedura prekontenzjuża

11 Wara l-eżami ta' bosta lmenti, il-Kummissjoni, peremzz ta' ittra ta' intimazzjoni tat-12 ta' Novembru 1998 kif ukoll permezz ta' ittra ta' intimazzjoni addizzjonali tas-17 ta' Awwissu 1999, ġibdet l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet Ġermaniżi dwar l-inkompatibbiltà ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' l-AEntG ma' l-Artikolu 59 tat-Trattat KE (li sar, wara emenda, l-Artikolu 49 KE).

12 Peress li ma kinitx sodisfatta bl-ispjegazzjonijiet ipprovduti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja permezz ta' ittri tat-8 ta' Marzu, ta' l-4 ta' Mejju u tal-25 ta' Ottubru 1999, fil-25 ta' Lulju 2001 il-Kummissjoni indirizzat opinjoni motivata lil dan l-Istat Membru fejn stednitu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ma' din l-opinjoni motivata fi żmien xahrejn li bdew jidderkorru min-notifika tagħha.

13 B'ittri ta' l-1 ta' Ottubru 2001, l-10 ta' Diċembru 2001, it-3 ta' Frar 2003 u l-4 ta' Diċembru 2003, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja informat lill-Kummissjoni bl-osservazzjonijiet tagħha fuq din l-opinjoni motivata. B'ittra tat-23 ta' Jannar 2004, dan l-Istat membru nnotifika lill-Kummissjoni verżjoni ta' l-AEntG emendata wara l-adozzjoni tat-tielet liġi li tirregola l-prestazzjoni ta' servizzi fuq il-kuntratt tax-xogħol (Drittes Gesetz für moderne Dienstleistungen am Arbeitsmarkt), tat-23 ta' Diċembru 2003 (BGBl. 2003 I, p. 2848).

14 Meta kkonstatat li parti biss mill-ksur inizjalment akkużat kien ġie eliminat wara l-emenda ta' l-AEntG, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq dan ir-rikors.

## Fuq ir-rikors

### *Fuq l-ammissibbiltà*

15 Il-Gvern Ġermaniż jissolleva erba' eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà ta' rikors, ibbażati rispettivament fuq l-għażla ta' l-Artikolu 49 KE bħala dispożizzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tal-konformità mad-dritt Komunitarju ta' l-AEntG, dwar id-dewmien eċċessiv tal-proċedura prekontenzjuża, dwar in-nuqqas ta' preċiżjoni tar-rikors u tal-bdil tas-suġġett ta' l-ewwel ilment invokat mill-Kummissjoni.

Fuq l-għażla ta' l-Artikolu 49 KE bħala dispożizzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni tal-konformità mad-dritt Komunitarju ta' l-AEntG.

16 L-awtoritajiet Ġermaniżi jqisu li d-dispożizzjonijiet in kwistjoni ta' l-AEntG għandhom jiġu vverifikati bi prijorità fid-dawl tad-Direttiva 96/71 li tikkonċerna speċifikatament il-kollokament ta' ħaddiema effettwat fil-kuntest ta' prestazzjoni ta' servizzi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kellha tressaq il-prova li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja għamlet traspożizzjoni mhux korretta ta' din id-Direttiva jew li dawn id-dispożizzjonijiet mhumiex applikati b'mod konformi ma' din ta' l-aħħar.

17 F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li d-Direttiva 96/71 hija intiża sabiex tikkoordina l-leġiżlazzjonijiet ta' l-Istati Membri billi tistabbilixxi lista ta' regoli nazzjonali li Stat Membru għandu japplika għall-impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor li jibagħtu ħaddiema fuq it-territorju tiegħu stess fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi transnazzjonali.

18 B'hekk, l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jassiguraw li, tkun xi tkun il-liġi li tapplika għar-relazzjoni ta' impjieg, dawn l-impriżi jiggarantixxu lill-ħaddiema mibgħuta t-termini u l-kundizzjonjiet ta' l-impjieg li jkopru l-kwistjonijiet imsemmija minn dan l-Artikolu, li huma stabbiliti fl-Istat Membru fuq it-territorju fejn ix-xogħol hu mwettaq.

19 Madankollu, id-Direttiva 96/71 ma armonizzatx il-kontenut materjali ta' dawn ir-regoli nazzjonali [ara, f'dan is-sens, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Lulju 2003, fuq l-implementazzjoni tad-Direttiva 96/71 fl-Istati Membri, COM(2003) 458 finali, p. 7]. Dan il-kontenut jista' għaldaqstant jiġi

liberament definit mill-Istati Membri, fir-rispett tat-Trattat u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju, u b'hekk jinkludi, fir-rigward ta' din il-kawża, l-Artikolu 49 KE.

20 Fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta l-konformità mat-Trattat tal-kontenut ta' l-Artikolu 1(3), 2 u 3(2) ta' l-AEntG safejn dawn l-Artikoli fihom restrizzjonijiet inammissibbli għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ġewwa l-Komunità.

21 Huwa paċifiku li r-restrizzjonijiet għal din il-libertà fundamentali huma projbiti mill-Artikolu 49 KE. B'hekk il-Kummissjoni aġixxiet ġustament meta invokat dan l-Artikolu sabiex tikkontesta l-konformità mad-dritt Komunitarju tad-dispożizzjonijiet in kwistjoni.

22 Isegwi li l-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ssollevata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha tiġi miċħuda.

Fuq id-dewmien eċċessiv tal-proċedura prekontenzjuża

23 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqis li r-rikors huwa inammissibbli minħabba raġunijiet ta' dewmien, imputabbli lill-Kummissjoni, li kien affettwa din il-proċedura dwar nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Filwaqt li l-ittra ta' intimazzjoni li ġiet indirizzata lilha mill-Kummissjoni tmur lura sat-12 ta' Novembru 1998, din ta' l-aħħar kienet ressqet ir-rikors tagħha fid-29 ta' Novembru 2004, jiġifieri aktar minn sitt snin wara li bagħtet din l-ittra. In-negliġenza li tirriżulta minn dan id-dewmien kienet wasslet għal ksur, minn naħa, ta' l-obbligu, għall-Kummissjoni, li tirrispetta terminu ta' żmien raġonevoli u, min-naħa l-oħra, ta' l-eżiġenza ta' ċertezza legali li għaliha dan l-Istat u l-ħaddiema protetti mill-AEntG jistgħu jippretendu.

24 Skond l-awtoritajiet Ġermaniżi, il-Kummissjoni, li kellha s-setgħa tagħmel dan, kellha tħaffef l-iżvolġiment tal-proċedura. Fil-fatt, wara n-notifika tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet bosta sentenzi li jikkunsidraw il-kollokament ta' ħaddiema in ġenerali kif ukoll sentenza li kienet tirrigwarda speċifikatament l-AEntG (ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2001, Finalarte *et*, C-49/98, C-50/98, C-52/98 sa C-54/98 u C-68/98 sa C-71/98, Ġabra p. I-7831). Dawn is-sentenzi kellhom jippermettu konklużjoni aktar malajr ta' din il-kawża.

25 Madankollu, għandu jiġi mfakkar, minn naħa, li l-għan tal-proċedura prekontenzjuża prevista fl-Artikolu 226 KE huwa li jagħti lill-Istat Membru kkonċernat l-okkażjoni li jikkonforma lilu nnifsu ma' l-obbligi tiegħu li jirriżultaw mid-dritt Komunitarju jew li jsostni b'mod effettiv il-motivi ta' difiża tiegħu kontra l-ilmenti magħmula mill-Kummissjoni (sentenza tal-5 ta' Novembru 2002, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, C-475/98, Ġabra p. I-9797, punt 35).

26 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi rrilevat li, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-regoli li jinsabu fl-Artikolu 226 KE għandhom jiġu applikati mingħajr ma l-Kummissjoni jkollha l-obbligu li tirrispetta terminu ta' żmien determinat, bla ħsara għall-ipoteżi li fiha dewmien eċċessiv tal-proċedura prekontenzjuża prevista minn din id-dispożizzjoni jista' jżid, għall-Istat akkużat, id-diffikultà li jirrifjuta l-argumenti tal-Kummissjoni u li b'hekk jikser id-drittijiet tad-difiża. Huwa l-obbligu ta' l-Istat Membru interessat li jressaq il-prova ta' tali effett (ara s-sentenzi tas-16 ta' Mejju 1991, Il-Kummissjoni vs L-Olanda, C-96/89, Ġabra p. I-2461, punti 15 u 16; tal-21 ta' Jannar 1999, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-207/97, Ġabra p. I-275, punt 25, u Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, iċċitata iktar 'il fuq, punt 36).

27 Mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi eżaminat jekk, fir-rigward tas-sentenzi deċiżi mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kollokament tal-ħaddiema, id-dewmien li seħħ bejn l-ittra ta' intimazzjoni indirizzta lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-introduzzjoni ta' dan ir-rikors jista' jiġi kkunsidrat f'dan il-każ bħala eċċessiv, għandu jiġi

kkonstatat li dan l-Istat Membru ma invokax la ksur tad-drittijiet tad-difiża li jirriżultaw mid-dewmien tal-proċedura prekontenzjuża u lanqas ma wera element ieħor li jista' jikkostitwixxi ksur bħal dan.

28 B'hekk, it-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà invokata mill-Gvern Ġermaniż għandha tiġi miċħuda.

Fuq in-nuqqas ta' preċiżjoni tar-rikors

29 Il-Gvern Ġermaniż isostni li r-rikors huwa inammissibbli, minħabba li mhumiex indikati b'mod ċar l-ilmenti li dwarhom il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddeċiedi. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma tagħtix indikazzjoni fuq il-kwistjoni dwar jekk hija għandhiex l-intenzjoni li tikkontesta biss id-dispożizzjonijiet ta' l-AEntG inkwantu tali jew ukoll l-applikazzjoni magħmula mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji Ġermaniżi ta' dawn id-dispożizzjonijiet f'każijiet konkreti.

30 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 38(1)(c) tar-Regoli tal-Proċedura jipprovdi li kull rikors introduttiv ta' istanza għandu jkun fih, b'mod partikolari, is-suġġett tal-kawża u sunt tar-raġunijiet imressqa. Konsegwentement, huwa l-obbligu tal-Kummissjoni, f'kull rikors ippreżentat skond l-Artikolu 226 KE, li tindika b'mod suffiċjentement preċiż u koerenti l-ilmenti invokati, sabiex tippermetti lill-Istat Membru li jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżistenza tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu allegat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 1990, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-347/88, Ġabra p. I-4747, punt 28, u ta' l-4 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-98/04, Ġabra p. I-4003, punt 18).

31 Madankollu, f'dan il-każ, jirriżulta b'mod suffiċjentement ċar u preċiż mill-motivazzjoni kif ukoll mit-talbiet ta' rikors tal-Kummissjoni li dan jirrigwarda l-konformità tal-kontenut ta' l-Artikoli 1(3), (2) u 3(2) ta' l-AEntG ma' l-Artikolu 49. Konsegwentement dan ir-rikors huwa mingħajr ambigwità.

32 Konsegwentement, hemm lok li t-tielet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ssollevata mill-Gvern Ġermaniż għandha tiġi miċħuda.

*Fuq il-bdil tas-suġġett ta' l-ewwel ilment*

33 Il-Gvern Ġermaniż isostni li l-ewwel ilment huwa inammissibbli safejn is-suġġett ta' dan l-ilment mhuwiex ifformulat b'mod identiku fl-opinjoni motivata u fir-rikors.

34 Minn naħa, il-Kummissjoni kienet iddikjarat fl-opinjoni motivata li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet naqqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond l-Artikolu 49 KE meta obbligat lill-impriżi barranin li jikkontribwixxu lill-fond ta' vaganzi mħallsa Ġermaniż ta' l-industrija tal-bini "filwaqt li [dawn] jibqgħu obbligati li jħallsu direttament il-vaganzi lill-impjegati tagħhom fl-Istat Membru ta' l-istabbiliment". Min-naħa l-oħra, fir-rikors, hija kienet ikkonkludiet li ksur tat-Trattat jirriżulta mill-obbligu impost fuq l-impriżi barranin li jikkontribwixxu lil dan il-fond "anke jekk il-ħaddiema" ta' dawn l-impriżi "jibbenefikaw essenzjalment minn protezzjoni simili skond il-leġiżlazzjoni ta' l-Istat ta' stabbiliment". B'hekk il-Kummissjoni kienet biddlet u wessgħet is-suġġett tal-kawża.

35 Il-Kummissjoni tirribatti li d-differenzi ta' formular bejn id-dispożittiv ta' l-opinjoni motivata u t-talbiet tar-rikors ma wasslu għal ebda bidla fis-suġġett tal-kawża.

36 F'dan ir-rigward, huwa minnu li, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-suġġett ta' rikors ippreżentat skond l-Artikolu 226 KE huwa ċirkuskritt mill-proċedura prekontenzjuża prevista minn din id-dispożizzjoni u li, bħala konsegwenza, l-opinjoni motivata u r-rikors għandhom ikunu bbażati fuq ilmenti identiċi (ara s-sentenza tas-17 ta' Novembru 1992, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-105/91, Ġabra p. I-5871, punt 12, u ta' l-10 ta' Settembru 1996, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-11/95, Ġabra p. I-4115, punt 73).

37 Madankollu din l-eżiġenza ma tistax twassal sabiex f'kull ipoteżi timponi xebh perfett bejn id-dikjarazzjoni ta' l-ilmenti fl-ittra ta' intimazzjoni, id-dispożittiv ta' l-opinjoni motivata u t-talbiet tar-rikors, bil-kundizzjoni tas-suġġett tal-kawża ma jkunx ġie estiż jew mibdul (sentenzi tad-29 ta' Settembru 1998, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-191/95, Ġabra p. I-5449, punt 56, u tas-6 ta' Novembru 2003, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-358/01, Ġabra p. I-13145, punt 28).

38 F'dan il-każ, jirriżulta mill-opinjoni motivata li l-kritika magħmula mill-Kummissjoni matul il-fażi prekontenzjuża tirrigwarda l-fatt li l-obbligu li tingħata kontribuzzjoni lill-fond ta' vaganzi mħallsa Ġermaniż, impost fuq l-impriżi barranin fl-Artikolu 1(3) ta' l-AEntG kien wassal għal ħlas doppju ta' kumpensi ta' vaganzi mħallsa, fl-Istat Membru ta' l-Istabbiliment u f'dak tal-kollokament, u li dawn l-impriżi ma kinux eżenti minn dan il-ħlas doppju ħlief fil-każ fejn kien jeżisti fond simili għall-fond Ġermaniż fl-Istat Membru ta' l-istabbiliment. Bl-istess mod, fir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tikkontesta l-imposta ekonomika doppja fuq minn iħaddem li jibgħat ħaddiema fil-Ġermanja kif ukoll il-formulazzjoni restrittiva wisq ta' l-eżenzjoni ta' l-obbligu ta' kontribuzzjoni previst fl-Artikolu 1(3) ta' l-AEntG.

39 Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat li l-Kummissjoni ma estendietx u ma bidlitx is-suġġett tar-rikors u, għaldaqstant, ma kisritx l-Artikolu 226 KE.

40 Isegwi li r-raba' eċċezzjoni ta' inammissibbiltà invokata mill-Gvern Ġermaniż għandha wkoll tiġi miċħuda u, b'hekk, ir-rikors imressaq mill-Kummissjoni għandu jiġi ddikjarat ammissibbli.

## Fuq il-mertu

*Fuq l-obbligu li tingħata kontribuzzjoni lill-fond ta' vaganzi mħallsa Ġermaniż (Artikolu 1(3) ta' l-AEntG)*

L-argumenti tal-partijiet

41 Il-Kummissjoni ssostni li l-eżenzjoni mill-obbligu li tingħata kontribuzzjoni, prevista fl-ewwel frażi ta' l-Artikolu 1(3) ta' l-AEntG, hija restrittiva wisq, anki minħabba li tirriżulta minn din, għal min iħaddem li jibgħat ħaddiema fil-Ġermanja, imposta ekonomika doppja li hija inkompatibbli ma' l-Artikolu 49 KE. Skond il-Kummissjoni, l-AEntG għandha teżenta mill-obbligu ta' kontribuzzjoni l-impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor li jibagħtu ħaddiema, mhux biss fil-każ fejn huwa garantit li huma diġà jikkontribwixxu f'sistema simili fl-Istat Membru ta' stabbiliment, iżda wkoll meta jeżistu leġiżlazzjonijiet f'dan l-Istat Membru li, anki jekk dawn ma jibbażawx fuq kontribuzzjonijiet mogħtija mingħand min iħaddem, joffru lill-ħaddiem protezzjoni tad-drittijiet għal vaganzi mħallsa ekwivalenti għal dik prevista mil-leġiżlazzjoni Ġermaniża.

42 Il-Gvern Ġermaniż jirribatti li l-Kummissjoni ma ressqitx elementi konkreti sabiex turi li l-Artikolu 1(3) ta' l-AEntG imur kontra t-Trattat. Huwa jżid jgħid li din id-dispożizzjoni hija applikata mill-amministrazzjonijiet u l-qrati nazzjonali b'mod li huwa konformi ma' l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt Komunitarju.

43 Fl-aħħar nett, sabiex tiġi evitata imposta ekonomika doppja għall-impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet stabbilixxiet kollaborazzjoni bejn il-fruntieri pragmatika ma' l-Istati Membri l-oħra, billi kkonkludiet ma' wħud fosthom ftehim bilaterali dwar ir-rikonoxximent reċiproku tas-sistemi nazzjonali ta' vaganzi mħallsa.

44 Minbarra dan, il-qrati Ġermaniżi, u b'mod partikolari l-Bundesarbeitsgerict kienu dejjem irrispettaw il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-materja ta' kollokament ta' ħaddiema. B'mod partikolari, minbarra l-verifika ta' l-eżistenza ta' ftehim bilaterali, huma kienu dejjem ħarsu li ħaddiem kollokat jieħu benefiċċju mill-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ġermaniża fuq id-drittijiet għal vaganzi mħallsa, billi applikaw din il-leġiżlazzjoni biss jekk hija kienet tagħti lil dan il-ħaddiem vantaġġ effettiv fir-rigward ta' l-applikazzjoni li tista' ssir fir-rigward tiegħu mid-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istat minn fejn huwa joriġina.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

45 L-ewwel net, għandu jiġi rrilevat li l-ewwel frażi ta' l-Artikolu 1(3) ta' l-AEntG timponi fuq min iħaddem barrani li jikkontribwixxi għall-fond ta' vaganzi mħallsa Ġermaniż, sakemm huwa ma jkollux l-obbligu li jħallas kontribuzzjonijiet kemm f'dan il-fond kif ukoll f'organu simili fi Stat fejn l-impriża tiegħu hija stabbilita (punt 1) u li s-servizzi diġà mogħtija minn persuna li tħaddem, sabiex jissodisfaw id-drittijiet għal vaganzi legali, bi ftehim jew fuq bażi kuntrattwali, ta' l-impjegati tagħhom jiġu kkunsidrati (punt 2).

46 Għandu wkoll jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet fuq il-kompatibbiltà mat-Trattat ta' din id-dispożizzjoni ta' l-AEntG fis-sentenza Finlarte *et*, iċċitata iktar 'il fuq. B'mod partikolari, fil-punti 45, 49 u 53 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-konformità mad-dritt Komunitarju ta' l-Artikolu 1(3) ta' l-AEntG tiddependi minn żewġ kundizzjonijiet li l-qorti tar-rinviju għandha l-obbligu li tivverifika t-twettiq tagħhom. B'hekk din il-qorti għandha teżamina jekk il-leġiżlazzjoni Ġermaniża fil-qasam ta' vaganzi mħallsa tagħtix protezzjoni addizzjonali reali lill-ħaddiema kollokati minn fornituri ta' servizzi stabbiliti barra mill-Ġermanja u jekk l-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni kinitx proporzjonata għat-twettiq ta' l-għan ta' protezzjoni soċjali ta' dawn il-ħaddiema.

47 Huwa paċifiku li, f'din il-proċedura dwar nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, hija l-Kummissjoni li għandha l-obblilgu li tivverifika jekk dawn il-kundizzjonijiet kinux ġew imwettqa u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kull element neċessarju għall-verifika tal-konformità ta' din id-dispożizzjoni ma' l-Artikolu 49 KE.

48 Fil-fatt, skond ġuridprudenza stabbilita sew, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu magħmul skond l-Artikolu 226 KE, hija l-Kummissjoni li għandha l-obbligu tistabbilixxi l-eżistenza tan-nuqqas allegat. Hija għandha tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja l-elementi neċessarji għall-verifika minnha ta' l-eżistenza ta' dan in-nuqqas, mingħajr ma tista' tibbaża fuq kwalunkwe preżunzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi ta' l-20 ta' Marzu 1990, Il-Kummissjoni vs Franza, C-62/89, Ġabra p. I-925, punt 37, u ta' l-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-341/02, Ġabra p. I-2733, punt 35).

49 Minbarra dan, għandu jiġi mfakkar li, skond il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-portata tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari jew amministrattivi nazzjonali għandha tiġi evalwata b'kunsiderazzjoni ta' l-interprezzjoni li jagħtu l-qrati nazzjonali fir-rigward tagħhom (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-8 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-382/92, Ġabra p. I-2435, punt 36, u tad-29 ta' Mejju 1997, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-300/95, Ġabra p. I-2649, punt 37).

50 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ma ressqitx l-elementi neċessarji għall-verifika tan-nuqqas ta' konformità ta' l-Artikolu 1(3) ta' l-AEntG ma' l-Artikolu 49 KE. Fil-fatt, hija limitat lilha nnifisha għal interpretazzjoni litterali tal-punt 1 ta' din id-dispożizzjoni ta' l-AEntG mingħajr ma tat opinjoni fir-rigward ta' dawn iż-żewġ kundizzjonijiet mogħtija mis-sentenza Finlarte *et*, imsemmija fil-punt 46 ta' din is-sentenza. Minbarra dan, il-Kummissjoni ma invokatx in sostenn tar-rikors tagħha argument u lanqas ma għamlet referenza għal deċiżjonijiet ġuridiċi nazzjonali jew għal element ieħor intiż sabiex turi li, kuntrarjament għal dak li jaffermaw l-awtoritajiet Ġermaniżi, l-Artikolu 1(3) ta' l-AEntG huwa fil-prattika applikat jew interpretat b'mod mhux konformi mad-dritt Komunitarju.

51 Skond il-Kummissjoni, l-interpretazzjoni litterali tagħha tal-punt 1 ta' l-Artikolu 1 (3) ta' l-AEntG hija mandakollu kkonfermata minn eżempju bbażat fuq il-leġiżlazzjoni Daniża. Fid-Danimarka, id-drittijiet għal vaganzi mhumiex imħallsa favur ħaddiem minn organu simili għall-fond ta' vaganzi mħallsa Ġermaniż. B'hekk jekk ebda ħlas ma jsir b'dan il-mod mingħand min iħaddem stess, il-ħaddiem jista' dejjem jiskeb għotja mis-sindakat ta' min iħaddem. Minkejja l-eżistenza ta' din il-garanzija, persuna li tħaddem stabbilita fid-Danimarka li tibgħat ħaddiema fil-Ġermanja, hija madankollu obbligata li tikkontribwixxi f'dan il-fond. Skond il-Kummissjoni, dan l-obbligu ta' kontribuzzjoni ma setax jiġi evitat ħlief permezz ta' ftehim amministrattiv li jirrigwarda r-rikonoxximent reċiproku tas-sistemi nazzjonali ta' vaganzi mħallsa li kien ġie konkluż bejn ir-Renju tad-Danimarka u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja. Il-prinċipju ta' ċertezza legali madankollu jipprojbixxi li d-drittijiet li jirriżultaw mit-Trattat jiddependu mill-konklużjoni ta' ftehim ta' natura amminstrattiva.

52 Madankollu, dan l-argument ma jistax jiġi milqugħ. Fil-fatt, jirriżulta mill-proċess li fid-Danimarka jeżisti l-Arbejdsmarkedets Feriefond (fondi ta' vaganzi mħallsa) simili għall-fond ta' vaganzi mħallsa Ġermaniż u li l-ewwel frażi ta' l-Artikolu 1(3) ta' l-AEntG, kif applikata skond dan il-ftehim amministrattiv, teżenta mill-obbligu li ssir kontribuzzjoni f'dan il-fond Ġermaniż lill-impriżi Daniżi li jikkontribwixxu f'dawn il-fondi.

53 Barra minn hekk, jekk huwa veru li l-eżiġenza ta' ċertezza legali tipprekludi li d-drittijiet li l-individwi jieħdu mid-dritt Komunitarju jiġu suġġetti fl-eżerċizzju tagħhom għal kundizzjonijiet u limiti ffissati minn regoli amministrattivi nazzjonali (ara f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' April 1993, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-306/91, Ġabra p. I-2133, punt 14, u tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Franza, C-354/98, Ġabra p. I-4937, punt 11), għandu madankollu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest tal-kollokament transnazzjonali ta' ħaddiema, id-diffikultajiet li jistgħu jitqajmu fl-okkażjoni tax-xebh bejn is-sistemi nazzjonali ta' vaganzi mħallsa ma jistgħux jiġu risolti — fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni fil-materja — mingħajr kooperazzjoni effettiva bejn l-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tal-25 ta' Lulju 2003). Il-konklużjoni ta' ftehim amministrattivi intiża sabiex tassigura r-rikonoxximent reċiproku ta' dawn is-sistema taqa' taħt din il-kooperazzjoni u, aktar ġeneralment, taħt id-dmir ta' kooperazzjoni leali bejn Stati membri fl-oqsma koperti mid-dritt Komunitarju.

54 F'dawn il-kundizzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-impriżi barranin għandhom l-obbligu li jikkontribwixxu għall-fond ta' vaganzi mħallsa Ġermaniż ukoll meta l-ħaddiema li huma jimpjegaw jibbenfikaw essenzjalment minn protezzjoni simili konformi mal-leġiżlazzjoni ta' l-istabbiliment ta' dawn l-impriżi.

55 B'hekk, l-ewwel ilment invokat mill-Kummissojni għandu jiġi miċħud.

*Fuq l-obbligu li jiġu kkonservati ċerti dokumenti fil-lingwa Ġermaniża fuq il-post ta' kostruzzjoni (Artikolu 2(3) ta' l-AEntG)*

L-argumenti tal-partijiet

56 Skond il-Kummissjoni, l-obbligu għall-impriżi barranin li jittraduċu, fil-lingwa Ġermaniża, id-dokumenti kollha meħtieġa skond l-Artikolu 2(3) ta' l-AEntG, jiġifieri

l-kuntratt tax-xogħol (jew dokument ekwivalenti skond id-Direttiva 91/533), il-karti tas-salarji, id-dokumenti li juru l-ħinijiet ta' xogħol u l-ħlas tal-ħaddiema kif ukoll kull dokument ieħor meħtieġ mill-awtoritajiet Ġermaniżi jikkostitwixxi restrizzjoni inġustifikata u disproporzjonatata għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi garantita fl-Artikolu 49 KE.

57 Fir-rigward tan-natura mhux iġġustifikata ta' din id-dispożizzjoni ta' l-AEntG, il-Kummissjoni tirrileva li, fis-sentenza tat-23 ta' Novembru 1999, Arbade *et* (C-369/96 u C-376/96, Ġabra p. I-8453), il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet bħala dritt li l-obbligu, għall-impriżi barranin, li jikkonservaw dokumenti fuq it-territorju ta' l-Istat Membru ospitanti ma jistax jiġi mmotivat mill-għan li jiffaċililta b'mod ġenerali t-twettiq tal-missjoni ta' kontroll ta' l-awtoritajiet ta' dan l-Istat. Madankollu, fl-opinjoni tal-Kummissjoni, jekk dan l-obbligu ma jistax jiġi ġġustifikat minn dan l-għan, l-obbligu — ta' l-anqas daqshekk restrittiv — li d-dokumenti kollha in kwistjoni jiġu tradotti ma jkunx iġġustifkat ħafna.

58 F'dak li jikkonċerna l-proporzjonalità tad-dispożizzjoni in kwistjoni, meta rreferiet ukoll għas-sentenza Arblade *et*, iċċitata iktar 'il fuq, il-Kummissjoni sostniet li l-obbligu ġenerali ta' traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti kien sar superfluwu minħabba s-sistema ta' kooperazzjoni bejn l-Isati Membri prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/71.

59 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, sostnuta mir-Repubblika Franċiża, tikkunsidra li l-obbligu ta' traduzzjoni previst fl-Artikolu 2(3) ta' l-AEntG huwa konformi ma' l-Artikolu 49 KE.

60 Fil-fatt, skond l-awtoritajiet Ġermaniżi dan l-obbligu huwa mmotivat mill-ħtieġa li jkun jista' jsir kontroll effettiv tar-rispett ta' l-obbligi legali li jirriżultaw mill-AEntG u b'hekk li jassigura protezzjoni effettiva tal-ħaddiema. L-awtoritajiet ta' kontroll għandhom ikunu fil-pożizzjoni li jaqraw u li jifhmu d-dokumenti in kwistjoni , li

jimplika li dawn jiġu tradotti. L-effettività tal-kontroll ma tistax, fil-fatt, tiddependi mill-kompetenzi lingwistiċi ta' l-awtoritajiet li jassiguraw il-kontroll tal-postijiet ta' kostruzzjoni kkonċernati.

61 Il-Gvern Ġermaniż u dak Franċiż iżidu jgħidu li s-sentenza Arblade *et*, iċċitata iktar 'il fuq, ma tippermttix li jiġu dedotti konklużjonijiet diretti dwar il-ġustifikazzjoni kif ukoll in-natura proporzjonata ta' l-Artikolu 2(3) ta' l-AEntG.

62 Fl-aħħar nett, dawn il-Gvernijiet iqisu li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali, prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/71, ma tistax tissostitwixxi l-obbligu ta' traduzzjoni impost fuq min iħaddem li huwa barrani.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

63 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-Artikolu 49 KE jeżiġi mhux biss it-tneħħija ta' kull diskriminazzjoni fil-konfront ta' dak li jipprovdi servizzi u li huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor, minħabba n-nazzjonalità tiegħu, iżda wkoll l-abolizzjoni ta' kull restrizzjoni, ukoll jekk tapplika indistintivament għal dawk li jipprovdu servizzi nazzjonali u għal dawk ta' Stati Membri oħrajn, meta hija ta' natura li tipprojbixxi, li tfixkel, jew li tirrendi inqas attraenti l-attivitajiet ta' min jipprovdi servizz li huwa stabbilit fi Stat membru ieħor, fejn hu legalment jagħti servizzi simili (ara s-sentenzi tal-25 ta' Lulju 1991, Säger, C-76/90, Ġabra p. I-4221, punt 12; tat-28 ta' Marzu 1996, Guiot, C-272/94, Ġabra p. I-1905, punt 10, u tad-19 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-244/04, Ġabra p. I-885, punt 30).

64 Anke fin-nuqqas ta' armonizzazzoni f'din il-materja, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi inkwantu prinċipju fundamentali tat-Trattat ma jistax jiġi limitiat ħlief

permezz ta' leġiżlazzjonijiet iġġustifikati minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali u li japplikaw għal kull persuna jew impriża li teżerċita attività fuq it-territorju ta' l-Istat Membru ospitanti, f'każ fejn dan l-interess mhuwiex issalvagwardjat mir-regoli li għalihom il-fornitur ikun suġġett fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit (ara b'mod partikolari, is-sentenzi Arblade *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 34 u 35; ta' l-24 ta' Jannar 2002, Portugaia Construções, C-164/99, Ġabra p. I-787, punt 19, u tal-21 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-445/03, Ġabra p. I-10191, punt 21).

65 Fl-aħħar nett, l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali ta' Stat Membru lill-forrnituri stabbiliti fi Stati Membri oħrajn għandha tkun xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq ta' l-għan li huma jsegwu u li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Säger, iċċitata iktar 'il fuq, punt 15; tal-31 ta' Marzu 1993, Kraus, C-19/92, Ġabra p. I-1663, punt 32, u tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard, C-55/94, Ġabra p. I-4165, punt 37).

66 F'dan il-każ, jirriżulta mill-Artikolu 2(3) ta' l-AEntG li, meta persuna li tħaddem li hija stabbilita fil-Ġermanja tħaddem persuni fuq it-territorju ta' dan l-Istat Membru, hija għandha l-obbligu li tikkonserva ċerti dokumenti, fil-lingwa Ġermaniża, matul it-tul ta' żmien kollu ta' xogħol effettiv tal-ħaddiema kollokati u għall-anqas matul id-dewmien tal-kostruzzjoni kompluta, mingħajr madankollu ma dan l-obbligu jiġi impost lilhinn minn terminu ta' żmien ta' sentejn, b'mod li tkun tista' tippreżenta dawn id-dokumenti fuq il-post ta' kostruzzjoni fuq it-talba ta' l-awtoritajiet ta' kontoll. Kif il-Gvern Ġermaniż ippreċiża matul is-seduta, mingħajr ma ġie kkontestat mill-Kummissjoni, id-dokumenti kkonċernati huma l-kuntratt ta' xogħol, il-karti tas-salarji kif ukoll id-dokumenti li juru l-ħinijiet tax-xogħol u l-ħlas tas-salarji.

67 Peress li ma jeżistux miżuri ta' armonizzazzjoni Komunitarji fil-materja, b'hekk sabiex jiġi evalwat il-mertu tat-tieni lment invokat mill-Kummissjoni, mal-ewwel għandu jiġi eżaminat jekk il-kundizzjonijiet mitluba minn din id-dispożizzjoni ta' l-AEntG jinkludux effetti restrittivi fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u, sussegwentement, skond il-każ, jekk, fil-qasam ta' l-attività kkunsidrata, raġunijiet

imperattivi marbuta ma' l-interess ġenerali jiġġustifikawx dawn ir-restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Fl-affermattiv, għandu fl-aħħar nett jiġi vverifikat jekk l-istess riżultat ma setax jinkiseb permezz ta' regoli inqas restrittivi.

68 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li, billi imponiet it-traduzzjoni fil-Ġermaniż tad-dokumenti in kwistjoni, din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għal libertà li jiġu pprovduti servizzi.

69 Fil-fatt, l-obbligu kif impost ifisser spejjeż kif ukoll imposti amministrattivi u finanzjarji addizzjonali għall-impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor, b'mod li dawn ta' l-aħħar ma jinsabux fuq livell ta' ugwaljanza, minn punt tal-kompetizzjoni, mal-persuni li jħaddmu stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti u li huma jistgħu b'hekk jiġu dissważi milli jipprovdi servizzi f'dan l-Istat Membru.

70 Fit-tieni lok, għandu madankollu jiġi rrilevat li l-Artikolu 2(3) ta' l-AEntG jsegwi għan ta' interess ġenerali marbut mal-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni u għall-kontroll tar-rispett tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrikonoxxiet dan l-għan fost ir-raġunijiet imperattivi li jiġġustifikaw dawn ir-restrizzjonijiet għal libertà li jiġu pprovduti servizzi (ara s-sentenzi tat-3 ta' Frar 1982, Seco u Desquenne & Giral, 62/81 u 63/81, Ġabra p. 223, punt 14; tas-27 ta' Marzu 1990, Rush Portuguesa, C-113/89, Ġabra p. I-1417, punt 18; Guiot, iċċitata iktar 'il fuq, punt 16, u Arblade *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 51).

71 Fil-fatt, billi impona l-konservazzjoni fuq il-post ta' kostruzzjoni tad-dokumenti in kwistjoni fil-lingwa ta' l-Istat Membru ospitanti, l-Artikolu 2(3) ta' l-AEntG huwa intiż sabiex jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat li jwettqu, fuq il-post tax-xogħol, il-kontrolli neċessarji sabiex jiggarantixxu r-rispett tad-dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam ta' protezzjoni tal-ħaddiema, b'mod partikolari dawk

relatati mar-rimunerazzjoni u mal-ħinijiet tax-xogħol. Dawn it-tipi ta' kontrolli fuq il-post isiru, fil-prattika, eċċessivament diffiċli, jew impossibbli, jekk dawn id-dokumenti setgħu jiġu ppreżentati fil-lingwa ta' l-Istat Membru ta' l-istabbiliment ta' min iħaddem, peress li din il-lingwa ma tkunx neċessarjament ipprattikata mill-uffiċjali ta' l-Istat Membru ospitanti.

72 Isegwi li l-obbligu previst fl-Artikolu 2(3) ta' l-AEntG huwa ġġustifikat.

73 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mis-sentenza Arblade *et*, iċċitata iktar 'il fuq.

74 Żgur, jekk huwa veru li, fil-punt 76 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mhuwiex biżżejjed, sabiex tiġġustifika restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li tikkonsisti li timponi lil min iħaddem li huwa barrani li jżomm ċerti dokumenti fir-residenza ta' persuna fiżika residenti fl-Istat Membru ospitanti, li l-preżenza ta' dawn id-dokumenti f'dan l-Istat hija ta' natura li tiffaċilita b'mod ġenerali t-twettiq tal-missjoni ta' kontroll ta' l-awtoritajiet ta' dan l-Istat, dan il-punt tas-sentenza jikkonċerna madankollu l-obbligu impost fuq min iħaddem li jżomm għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti ċerti dokumenti anke meta huwa ma jħaddimx aktar ħaddiema fl-Istat Membru ospitanti.

75 Madankollu, dan mhuwiex il-każ hawnhekk, peress li l-Artikolu 2(3) ta' l-AEntG jimponi obbligu li jiġu kkonservati dokumenti fil-lingwa Ġermaniża matul id-dewmien tax-xgoħol effettiv tal-ħaddiema kollokati fil-Ġermanja u matul id-dewmien tax-xogħol ta' kostruzzjoni. Minbarra dan, kif jirriżulta wkoll mill-punt 74 ta' din is-sentenza, din id-dispożizzjoni ma tillimitax ruħha sabiex tiffaċilita b'mod ġenerali t-twettiq tal-missjoni ta' kontroll ta' l-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti, iżda sabiex tagħmel possibbli, fil-prattika, l-iżvolġiment tal-verifiki effettwati minn dawn l-awtoritajiet fuq il-positijiet ta' kostruzzjoni.

76 Fit-tielet lok, għandu jiġi kkonstatat li din id-dispożizzjoni timponi t-traduzzjoni ta' erba' dokumenti biss (il-kuntratt tax-xogħol, il-karti tas-salarji kif ukoll id-dokumenti li juru l-ħinijiet ta' xogħol u l-ħlas tas-salarji) li mhumiex eċċessivament twal u li ġeneralment tintuża formulazzjoni standard għall-kitba tagħhom. Konsegwentement, peress li għal persuna li tħaddem li tibgħat ħaddiema fil-Ġermanja, dan ma jifissirx imposta amministrattiva jew finanzjarja iebsa, l-Artikolu 2(3) ta' l-AEntG ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ta' protezzjoni soċjali imsegwi.

77 Fl-aħħar nett, għandu jiġi rrilevat li, fl-istat attwali ta' dritt, ma jeżistux miżuri inqas restrittivi li jippermettu li jassiguraw dan l-għan.

78 Fil-fatt, is-sistema organizzata ta' kooperazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoin bejn amministrazzjonijiet nazzjonali prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/71 ma tagħmilx superflwu l-obbligu ta' traduzzjoni impost fuq min iħaddem stabbilit barra mill-Ġermanja. Jirriżulta, fil-fatt, mill-proċess li d-dokumenti mitluba mingħand min iħaddem mill-AEntG mhumiex miżmuma minn dawn l-amministrazzjonijiet, li b'hekk ma jistgħux jitrażmettuhom, flimkien mat-traduzzjoni tagħhom, fi żmien raġonevoli lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra.

79 Minbarra dan, kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 86 tal-konklużjonijiet tiegħu, attwalment ma jeżistix strument normattiv Komunitarju wieħed li jimponi l-użu ta' dokumenti plurilingwistiċi f'każ ta' kollokament transnazzjonali ta' ħaddiema.

80 Jirriżulta minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha li t-tieni lment invokat mill-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

*Fuq l-obbligu, għall-impriżi ta' xogħol termporanju barranin, li jagħmlu dikjarazzjoni dwar il-post ta' impjieg tal-ħaddiema kollokati (Artikolu 3(2) ta' l-AEntG)*

L-argumenti tal-partijiet

81 Il-Kummissjoni ssostni li l-obbligu impost fuq l-impriżi ta' xogħol temporanju barranin li jiddikjaraw lill-awtoritajiet kompetenti mhux biss il-prestazzjoni ta' ħaddiem favur impriża utenti, iżda wkoll il-bdil ta' xogħol ta' dan il-ħaddiem minn post ta' kostruzzjoni għal ieħor, filwaqt li dan l-obbligu addizzjonali mhuwiex impost fuq impriżi ta' xogħol temporanju stabbiliti fil-Ġermanja, jikkostitwixxi miżura li tagħmel il-prestazzjoni ta' servizzi bejn il-fruntieri aktar diffiċli mill-prestazzjoni ta' servizzi interni. Skond il-Kummissjoni, ebda motiv validu ma jiġġustifika din innuqqas ta' ugwaljanza ta' trattament.

82 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirribatti li l-obbligu ta' dikjarazzjoni previst fl-Artikolu 3(2) ta' l-AEntG huwa kompatibbli ma' l-Artikolu 49 KE. Fil-fatt, dan l-obbligu huwa ġġustifikat minħabba n-neċessità li jsiru kontrolli effettivi, fl-interess ta' protezzjoni aħjar tal-ħaddiema. Minbarra dan, dan l-obbligu ma jwassalx għal imposta eċċissiva għall-impriża ta' xogħol temporanju kkonċernata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

83 Jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li l-libertà li jiġu pprovduti servizzi timplika, b'mod partikolari, l-eliminazzjoni ta' kull diskriminazzjoni eżerċitata kontra l-fornitur minħabba n-nazzjonalità tiegħu jew minħabba ċ-ċirkustanza li huwa stabbilit fi Stat Membru ieħor barra dak fejn il-prestazzjoni għandha tiġi eżegwita (ara s-sentenzi tal-25 ta' Lulju 1991, Collectieve Antennevoorziening Gouda, C-288/89, Ġabra p. I-4007, punt 10; Il-Kummissjoni vs L-Olanda, C-353/89, Ġabra p. I-4069, punt 14, u ta' l-4 ta' Mejju 1993, Distribuidores Cinematográficos, C-17/92, Ġabra p. I-2239, punt 13).

84 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 3(2) ta' l-AEntG għandu bħala effett li joħloq diskriminazzjoni kontra fornituri ta' servizzi stabbilit barra mill-Ġermanja.

85 Fil-fatt, din id-dispożizzjoni timponi lill-impriżi ta' xogħol temporanju stabbiliti fi Stati Membri oħra li jikkomunikaw bil-miktub lill-awtoritajiet Ġermaniżi kompetenti mhux biss il-bidu u t-tmiem ta' għoti l-prestazzjoni ta' ħaddiem favur impriża utenti fil-Ġermanja, iżda wkoll il-post tax-xogħol ta' dan il-ħaddiem kif ukoll kull tibdil dwar dan il-post, filwaqt li l-impriżi ta' l-istess tip stabbiliti fil-Ġermanja mhumiex suġġetti għal dan l-obbligu addizzjonali li huwa impost dejjem fuq l-impriżi utenti.

86 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li leġiżlazzjonijiet nazzjonali li mhumiex indistintivament applikabbli għall-provvista ta' servizzi irrispettivament mill-oriġini mhumiex kompatibbli mad-dritt Komunitarju ħlief jekk dawn jaqgħu taħt dispożizzjoni derogatorja espressa, bħall-Artikolu 46 KE, li għalih l-Artikolu 55 KE jirreferi (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ġunju 1991, ERT, C-260/89, Ġabra p. I-2925, punt 24; Collectieve Antennevoorziening Gouda, iċċitata iktar 'il fuq, punt 11, u tal-21 ta' Marzu 2002, Cura Anlagen, C-451/99, Ġabra p. I-3193, punt 31). Jirriżulta mill-Artikolu 46 KE, li għandu jiġi interpretat b'mod strett, li regoli diskriminatorji jistgħu jkunu ġġustifikati minħabba raġunijiet ta' ordni pubblika, ta' sigurtà pubblika u ta' saħħa pubblika.

87 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, f'dan il-każ, il-Gvern Ġermaniż ma invokax element wieħed li jista' jaqa' taħt waħda minn dawn ir-raġunijiet.

88 Isegwi li t-tielet ilment invokat mill-Kummissjoni huwa fondat.

89 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li, meta stipulat dispożizzjoni bħall-Artikolu 3(2) ta' l-AEntG, skond liema l-impriżi barranin ta' xogħol temporanju għandhom l-obbligu li jiddikjaraw mhux biss il-prestazzjoni ta' ħaddiem favur impriża utenti fil-Ġermanja, iżda wkoll kull tibdil dwar il-post tax-xogħol ta' dan il-ħaddiem, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond l-Artikolu 49 KE.

## Fuq l-ispejjeż

90 Skond l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Skond l-Artikolu 69(3), jekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew aktar tat-talbiet tagħhom jew għal raġunijiet eċċezzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

91 Fil-każ preżenti, peress li l-Kummissjoni tilfet tnejn mit-tliet ilmenti invokati, hemm lok li tiġi orndata tbati ż-żewġ terzi ta' l-ispejjeż u li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tiġi ordnata tbati terz minnhom.

92 Skond l-Artikolu 69(4) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-Repubblika Franċiża għandha tbati l-ispejjeż tagħha.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Meta stipulat dispożizzjoni bħall-Artikolu 3(2) tal-liġi dwar il-kollokament ta' ħaddiema (Arbeitnehmer-Entsendegestez), tas-26 ta' Frar 1996, skond liema l-impriżi ta' xogħol temporanju barranin għandhom l-obbligu li jiddikjaraw mhux biss il-prestazzjoni ta' ħaddiem favur impriża utenti fil-Ġermanja, iżda wkoll kull tibdil dwar il-post tax-xogħol ta' dan il-ħaddiem, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqqset milli twettaq l-obbligi tagħha skond l-Artikolu 49 KE.**

2) **Ir-rikors huwa miċħud għall-bqija.**

3) **Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija orndata tbati żewġ terzi ta' l-ispejjeż. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija ordnata tbati terz minnhom.**

4) **Ir-Repubblika Franċiża għandha tbati l-ispejjeż tagħha.**

Firem